MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 52/2010

**Mohammed Gasam**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikorsipprezentat fis-6 ta' Dicembru 2010 minn **Mohammed Gasam** fejn ippremetta s-segwenti:-

"

1. *Illi l-esponenti gie mgharraf b'ittra li ggib id-data tat-22 ta' Novembru 2010 (TM 222/2010) bil-penali amministrattiva li giet imposta fuqu skont ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri fl-ammont ta' €500 kif ukoll 50 punti minhabba allegatament ksur tar-regolament numru 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri.*

2. *Illi l-esponenti ihoss ruhu aggravat bl-effetti tal-istess decizjoni moghtija fit-22 ta' Novembru 2010 u minnha qieghed jinterponi umili appell quddiem dan it-Tribunal imwaqqaf bis-sahha tal-Artikolu 5 tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva – Kap 490.*

3. *Illi l-fatti li taw lok ghal din id-decizjoni kienu illi waqt li l-esponenti, fl-24 ta' Lulju 2010, fi Triq ix-Xatt tas-Sliema, ghal habta ta' 00:45a.m. kien qieghed jaghmilha ta' xufier bil-vettura bin-numru DVY-018 gie avvicinat minn ufficcjal tal-Infurzar talli kien qieghed jistenna u jew ghabba passiggieri allegatament minn post ipprojbit u cioe` minn fuq "Bus Stop".*

4. *Illi mhux kontestat illi kieku l-fatti kienu hekk, huwa kien ikun in vjolazzjoni tar-Regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri u dan a tenur tal-Ligi Sussidjarja 332.13.*

5. *Illi in verita` l-esponenti ma kienx qed jikser tali dispozizzjoni a dan in vista tal-fatt illi l-istess esponenti kien gia' miftiehem man-nies li kien sejjer jghabbi li kien sejjer jghaddi ghalihom biex jigborhom u jwassalhom ghad-destinazzjoni minnhom indikata. Fil-fatt ghandu jirrizulta illi Richard Galea ta' "Antrichies Minibus & Taxi Service" ta' 131 C C Carpark ta' High Street, Sliema, li mieghu l-esponenti huwa impjegat, kien inkarigah sabiex jghaddi ghall-istess nies u kien miftiehem li dan kellu jigborhom minn hdejn il-hanut bl-isem "Tony's Bar" li jinsab fix-Xatt ta' tas-Sliema.*

6. *Illi fil-fatt l-istess Richard Galea ghandu ftehim man-nies li jhaddmu l-kumpanija GNUF li jwassal lil min jghidulu huma sal-post li jikkmandawh li ghandhom igorrhom u dakinhar in kwistjoni l-esponenti kien qed jaghmel precizament hekk u cioe` kellu jghabbi sitta min-nies, li kienu identifikati ghall-esponenti wiehed bl-isem "Gihad", ohra bl-isem "Emily" li kellhom ikollhom maghhom erba' min-nies ohra u dawn kellhom jitwasslu Paceville. Dawn is-sitta min-nies, kif fuq inghad, jahdmu ghall-kumpanija li jisimha "GNUF", li taghha Richard Galea huwa l-kuntrattur.*

7. *Illi fil-gurnata in kwistjoni l-esponenti gie kmandat mill-Ufficcjal tal-Infurzar biex inizzel lill-istess nies minn fuq il-vettura tieghu. L-esponenti obda l-ordni li inghatatlu u hekk ghamel u cioe` nizzel in-nies minn fuq il-vettura tieghu. Huwa dlonk informa lill-principal tieghu u cioe` lil Richard Galea u dan, immedjatament u sabiex jista' jonora l-kuntratt li ghandu mal-kumpanija klijenti tieghu, qam minn gos-sodda, nizel personalment hu ghalihom fl-istess post li kienu, u ghabbihom fil-vettura tieghu u hadhom fid-destinazzjoni taghhom.*

8. *Illi konsegwentement l-esponenti ma kienx qed jikser ebda disposizzjoni tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri, stante li huwa ma kienx qed jghabbi nies minn ebda post ipprojbit. Kif jaf kulhadd il-hanut maghruf bhala "Tony's Bar" fix-Xatt ta' Tas-Sliema, huwa vicin hafna tal-"Bus Stop" li hemm quddiem il-hanut "St. Michael's Supermarket" u wiehed facilment jista' waqqaf vicin hdejn l-istess "Bus Stop" sabiex itella' lin-nies. Forsi hawn l-ufficcjal in kwistjoni fehem hekk u kien zball genwin. Li huwa pero` importanti li wiehed izomm quddiem ghajnejh huwa li kien ikun hemm ksur tal-istess regolament kieku l-esponenti waqqaf, b'kumbinazzjoni, biex itella' lin-nies li hija kwistjoni ohra kompletament illi huwa ghabba nies li kien miftiehem maghhom li sejjer jghaddi ghalihom f'hin u post determinat minn qabel u dan abbazi ta' kuntratt li l-principal tieghu u cioe` Richard Galea, ghandu ma' kumpanija partikolari li maghha kienu assocjati l-istess nies.*

9. *Illi ghalhekk l-esponenti jhoss li huwa ma kellux u ma ghandux jigi mmultat lanqas minimament, u ghaldaqstant ihoss li l-multa li giet lilu inflitta ta' €500 u 50 punt inghatatlu skorrettement u dan ghax fattwalment l-esponenti ma kiser ebda disposizzjoni tal-ligi.*

10. *Ghaldaqstant l-esponenti, filwaqt li jaghmel riferenza ghall-fatti hawn fuq esposti u filwaqt li jissottometti li l-istess decizjoni li minnha qed jappella kienet u hija ingusta, jitlob umilment li dan it-Tribunal joghgbu jilliberah minn kull addebitu u ghaldaqstant illi titnehha l-penali amministrattiva imposta ta' €500 u 50 punti u b'hekk tilliberah minn kull addebitu – kollox skont kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** ipprezentata fit-12 ta' Jannar 2011 fejn gie eccepit is-segwenti:-

*" Illi d-decizjoni mehuda mill-Awtorita` tat-Trasport f'Malta hija gusta u timmerita konferma u l-appell tal-attur appellanti ghandu jigi michud u dana ghar-ragunijiet segwenti u senjatament peress:*

1. *Illi l-appellanti kien qieghed jigbor xi passiggieri li kienu qed jistennew fuq il-'bus stop' fuq il-vettura tieghu meta gie avvicinat minn EO 09 Joseph Randich u EO 13 Albert Sammut.*

2. *Illi l-appellant ammetta mill-ewwel maz-zewg ufficjali tant li nizzel il-passiggieri minn fuq il-vettura tieghu.*

3. *Illi ghalhekk jidher car u gie anke ammess mill-appellanti nnifsu li hu kien bi ksur tar-Regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri, u dan stante li hu kien qieghed jigbor xi passiggieri li kienu qeghdin jistennew fuq 'bus stop' fil-vettura tieghu;*

4. *Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-Awtorita` tat-Trasport Malta kienet tat l-appellanti l-opportunita` li jaghmel ir-rapprezentazzjonijiet tieghu sabiex jigu ikkonsidrati mill-Awtorita`, izda nonostante li dawn ir-rapprezentazzjonijiet gew ikkunsidrati mill-Awtorita`, din waslet ghad-decizjoni finali taghha;*

5. *Illi huwa car u manifest hekk kif se jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza illi l-appellanti kien bi ksur lampanti tar-Regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri u dan stante li hu ammetta fuq il-post dak kollu li kien gara.*

*Illi ghal dawn ir-ragunijiet id-decizjoni tal-Awtorita` ghandha tigi kkonfermata u l-appell ta' l-appellanti ghandu jigi michud bl-ispejjez, u dan taht dawk il-provvediment illi dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xierqa u opportuni."*

Ra x-xhieda tar-rikorrent tad-9 ta' Mejju 2011, ta' Richard Galea tad-29 ta' Settembru 2011, il-kontro-ezami tar-rikorrent tas-7 ta' Frar 2013;

Sema' lil Joseph Randich, il-kontro-ezami tar-rikorrent u ta' Richad Galea, lkoll fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2014;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' t-trattazzjoni da parti tad-difensur tal-Awtorita` intimata;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghas-senteza.

**Ikkunsidra:**

Illi b'ittra datata 22 ta' Novembru 2010 ir-rikorrent gie infurmat bis-segwenti:-

*"Nirreferu ghar-rapprezentazzjonijiet tieghek mibghuta lill-Awtorita` fis-27 ta' Awissu 2010.*

*Wara li l-Awtorita` ikkunsidrat ir-rapprezentazzjonijiet mibghuta minnek, gie deciz li dawn mhumiex gustifikabbli u ghalhekk ma gewx milqugha.*

*Ghaldaqstant int infurmat li giet imposta fuqek Penali Amministrattiva ta' €500 u 50 Punt/i ta' Penali minhabba ksur tar-regolament numru 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri.*

*Penali Amministrattivi ghandhom jithallsu preferibbilment b'cekk lill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, fi zmien tletin gurnata mid-data ta' din in-notifika.*

*F'kaz li inti ma taqbilx mad-decizjoni tal-Awtorita` li timponi din il-Penali Amministrattiva u l-punti tal-penali rispettivi, tista' tressaq appell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-Artiklu 5 tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap. 490) fi zmien tletin gurnata minn meta tircievi dan l-avviz."*

Illi permezz tar-rikors odjern ir-rikorrent Mohammed Gasam qieghed jitlob lil dan it-Tribunal jirrevoka d-decizjoni appena citata.

Illi mix-xhieda **tar-rikorrent** jirrizulta illi fl-24 ta' Lulju 2010 huwa kien moghti struzzjonijiet minghand l-imghallem tieghu Richard Galea li kellu jigbor xi nies minn hdejn Tony's Bar tas-Sliema ghall-habta tas-siegha neqsin kwart ta' filghodu u kellu jwassalhom fejn riedu huma. Huwa spjega li meta wasal fuq il-post rahom hdejn l-istage u paqpqilhom biex jitilghu minn post lil hinn mill-istage peress li fuq l-istage ma setghax iwaqqaf. Skond hu dak il-hin marru l-ufficjali tal-Awtorita`, nizzlu lin-nies li kienu lahqu telghu u qalulu li kien tella' n-nies minn fuq l-istage. Dak il-hin cempel lill-imghallem tieghu u infurmah x'kien gara u talbu biex imur ghalihom hu peress li kellu xoghol iehor x'ilahhaq. **In kontro-ezami** ir-rikorrent stqarr lil lin-nies in kwistjoni kien jghabbihom regolari. Huwa stqarr ukoll li kien izomm rekord tal-vjaggi li jaghmel u fil-fatt fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2014 esebixxa pitazz li fih hemm indikat li fil-gurnata in kwistjoni huwa ghamel tlett vjaggi.

**Richard Galea**, bazikament ikkonferma dak li stqarr ir-rikorrent u jghid li xi sitt minuti wara li kien cempillu r-rikorrent huwa kien mar fuq il-post u ghabba lill-istess persuni pero dak il-hin ma kien hemm l-ebda rapprezentant tal-Awtorita` intimata. **In kontro-ezami** spjega li n-nies li kellu jigbor ir-rikorrenti kienu cemplulu huma u kienu impjegati mal-Kumpanija Gnuf li kienet topera minn B'Kara.

Xehed ukoll l-**Enforcement Officer Joseph Randich** li spjega li dakinhar in kwistjoni hu u kollega tieghu kienu qeghdin mar-roundabout faccata ezatt tal-istage in kwisjtoni biex jaraw min kien se jieqaf fuq l-istess sage u jghabbi lin-nies li kien hemm jistennew. Hu spjega li l-van li kien qed isuq ir-rikorrent waqaf ezatt fuq l-istage u beda jkellem lin-nies ghalkemm hu ma semghax x'kien qed jghidilhom. Hu qal li meta avviciaw lir-rikorrent, dan waqaf ikellem lin-nies. Meta staqsew lin-nies x'kien qalilhom ir-rikorrent, dawn qalulu li staqsihom biex iwassalhom. Dawn l-istess nies kienu barranin. Huma qalulu li ma setghux ihalluh jaghmel reat u sussegwentement ir-rikorrent telaq minn fuq il-post bil-kwiet wara li l-ufficjali tal-Awtorita` intimata hadulu l-particulars. **In kontro-ezami** stqarr li dan il-kaz jiftakru bejn wiehed u iehor ghaliex ma kellux in-notamenti mieghu. Huwa stqarr li r-rikorrent ma kienx qallu li n-nies li kienu qed jistennew kellhom booking. Huwa qal ukoll li kien staqsa lill-persuni fejn kienu sejrin u huma qalulu li kienu sejrin Paceville.

Illi dan it-Tribunal ma jistghax ma jaghmilx osservazzjoni dwar il-mod ta' kif tressqu l-provi tal-Awtorita` intimata. Tul il-proceduri tressaq biss wiehed miz-zewg enforcement officers li rraportaw il-kaz in kwistjoni u dan minkejja d-diversi opportunitajiet li ta dan it-Tribunal, anke kif diversament presjedut. Illi mbaghad, meta gie prodott wiehed mill-Enforcement Officers, l-istess tela' jixhed b'mod xejn ippreparat u fl-assenza tan-noti li kien ha *a tempo vergine*. *Ex admissis* jghid li dan gara peress li kien gie infurmat li kellu jixhed xi kwarta qabel bdiet is-seduta.

Illi maghmula din l-osservazzjoni, madankollu, dan it-Tribunal, se jkompli biex jezamina l-mertu tar-rikors odjern.

Illi ai termini tar-Regolament 42 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 ***"L-ebda vettura għall-ġarr tal-passiġġieri m'għandha titqiegħed jew titħaddem regolarment għall-kiri:***

***Iżda l-ferroviji mingħajr binarji jitħallew jistennew biex jinkrew f'post ta' tluq approvat mill-Awtorità."***

Illi t-test Ingliz tal-istess Regolament jghid hekk:

***"No passenger transport vehicle shall stand or ply for hire:***

***Provided that trackless trains shall be allowed to stand for hire at a departure point approved by the Authority."***

Illi d-definizzjoni *ta' "ply for hire" li jaghtu l-istess Regolamenti hija "to drive on the road to search for or be available for hire".*

Illi ghalhekk is-servizz offrut b'vettura licenzjata ghall-garr ta' passiggieri ma jistghax, u ma ghandux, jigi hekk offrut billi wiehed jistenna jew idur fit-triq joffri tali servizz.

Illi m'hemm l-ebda kontestazzjoni li l-vettura li kien qieghed isuq ir-rikorrent kienet *"vettura ghall-garr tal-passiggieri"*. Dak li mhux qed jaqblu fuqu l-partijiet huwa jekk ir-rikorrent kienx waqaf fuq il-bus stop u kien kellem lil xi nies li kienu qeghdin jistennew hemmhekk biex johodhom fejn riedu huma, agir li jmur kontra d-disposizzjoni tar-Regolament 42 su citat.

Illi ghalhekk dak li jrid jistabilixxi dan it-Tribunal huwa jekk ir-rikorrent fil-fatt kienx qieghed jagixxi in kontravvenzjoni tal-istess Regolament.

Illi wara li t-Tribunal gharbel ix-xhieda kemm tar-rikorrent u kif ukoll tal-imghallem tieghu Richard Galea, huwa tal-fehma illi dak mistqarr minnhom ma kkonvinca xejn lil dan it-Tribunal. Illi dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kaz

sehh verament kif stqarr l-Enforcement Officer u cioe li r-rikorrent waqqaf fuq l-istage biex irikkeb xi persuni ghad-destinazzjoni li riedu huma. Din il-fehma hija msejjsa fuq is-segwenti fatti:-

1. Illi jirrizlta illi din ma kinitx l-ewwel darba li skond ir-rikorrent u Richard Galea kellhom vjaggi tal-istess impjegati tal-Kumpanija Gnuf minn Tas-Sliema. In fatti r-rikorrenti jistqarr ***"In-nies tieghi nafhom, jien nabbihom is-soltu dejjem."***[1] Kwindi, kif jista' jigi spjegat il-fatt li l-istess impjegati kienu qeghdin fuq l-istage meta suppost ftehmu maghhom quddiem Tony's Bar, liema Bar qieghed qieghed metri 'l boghod mill-istess bar kif spjega l-istess rikorrent ***"Bejn l-istage tal-bus u Tony's Bar hemm distanza ta' madwar sitt darbiet it-tul ta' l-Awla numru 4. Dan l-istage huwa l-istage li jinsab quddiem Mark's and Spencer tas-Sliema."***[2] Kif wiehed jista' jispjega l-fatt li dawn il-persuni, li ma kinux godda ghar-rikorrent, ma kinux jafu jew addirittura r-rikorrent, jew l-imghallem tieghu, ma kienx spjegalhom li ma setghux jistennewh fuq l-istage?

2. Illi ghalkemm ir-rikorrent esebixxa pitazz (Dok RG1) li fuqu skond hu kien jikteb in-numru ta' vjaggi li kien jaghmel kuljum, dan ma joffri l-ebda konfort lit-tezi tieghu. Minn imkien mill-istess pitazz ma jirrizulta illi effettivament xi wiehed mill-vjaggi li ghamel ir-rikorrent fl-24 ta' Lulju 2010 kien fil-fatt ghal Birkirkara. Ghalkemm veru hemm imnizzel li ghamel tlett vjaggi. Illi milli seta' jifhem dan it-Tribunal, l-allegat vjagg ghal Birkirkara kien wiehed *extra* ghaliex kif spjega l-istess rikorrent ***"Jiena jkolli pitazz innizzel ix-xoghol li qed naghmel fih. Jiena jkolli tnejn li huma jkunu tahomli bil-miktub u l-iehor li dan li dahal extra u jkun cempilli ghalih ikun imnizzel extra u hawnhekk ghandi l-ktieb".*** Illi allura skond ir-rikorrenti il-vagg li kien se jaghmel minn Tas-Sliema ghal Birkirkara kien wiehed *extra* u li qieghed imnizzel bhala "+1" fuq id-dokument RG1 proprju hdejn id-data tal-24 ta' Lulju 2010. Illi pero dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi dak il-vjagg *extra* ma huwiex il-vjagg in kwistjoni siccome la r-rikorrent ma ghamlux ma kellux jirraffigura fl-istess pitazz. Illi t-Tribunal isib ukoll stramb il-fatt li l-uniku istanza fejn hemm miktub "+1" fl-istess pitazz huwa proprju fid-data tal-kaz in kwistjoni. L-istess pagna turi wkoll format differenti mill-pagni l-ohra kollha li kollha ghandhom

[1] A fol. 42
[2] A fol. 21

inkluz kolonna intitolata “Trips” mentri l-pagna tad-data in kwistjoni din il-kolonna ma tirrafigurax.

3. Illi dan it-Tribunal ukoll isibha stramba kif ir-rikorrent, ladarba skond hu kien waqqaf lil hinn mill-bus stop ma gibidx l-attenzjoni tal-ufficjali tal-Awtorita` intimata li ma kien qed jikser l-ebda ligi imma qabad u telaq bil-kwiet. It-Tribunal mhux qed jghid li persuna li titwaqqaf minn ufficjali tal-Awtorita` ghandha toqghod tikkwistinja mal-istess ufficjali, pero l-inqas li wiehed jistenna jekk ikun fil-gust huwa li jfiehem lill-impjegati tal-Awtorita` li huwa ma kienx qieghed jikser l-ebda ligi.

4. Illi finalment, pero fl-opinjoni tat-Tribunal, l-iktar fatt li forsi jesponi l-verita` ta’ din l-istorja kollha huwa dak mistqarr mill-istess rikorrent fix-xhieda tieghu tad-9 ta’ Mejju 2011 fejn qal ***“L-imghallem tieghi qalli biex nigborhom u nwassalhom fejn ikunu jridu huma......X’hin qed inkellimhom u biex nara fejn iridu jmorru gew tal-ADT, qaluli biex innizzel lin-nies u harkuni...”*** Dan jikkuntrasta bil-kbir ma’ dak li xehed Richard Galea u cioe li r-rikorrent kien jaf li kellu johodhom ghax-xoghol gewwa Birkirkara ***“Fil-fatt darba minnhom ir-rikorrent kellu jmur jigbor impjegati ta’ din il-Kumpanija sabiex ikun jista’ johodhom ix-xoghol.”*** Jekk ir-rikorrent kien intbghat mill-imghallem Richard Galea biex jigbor lin-nies ghal Birkirkara, x’kienet il-htiega li jistaqsihom fejn riedu jmorru?

Illi ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-opinjoni illi l-fatti fil-verita’ ma grawx kif rakkontati mir-rikorrent u Richard Galea izda graw kif rakkontati, ghalkemm mhux b’mod felici, mill-ufficjal tal-Awtorita`.

Illi mid-Disa’ Skeda tar-Regolamenti dwar Servizzi ta’ Garr ta’ Passiggieri jirrizulta li ghall-ksur tar-Regolament 42 ix-xufier jehel Penali Amministrattiva ta’ €500 li b’applikazzjoni tar-Regolament 108(4) taghti lok ghall-imposizzjoni ta’ 50 Punti ta’ Penali.

Kwindi l-Awtorita` intimata agixxiet korrettement u fil-parametri tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 u ghaldaqstant id-decizjoni taghha ghandha tigi konfermata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet moghtija iktar 'il fuq, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fir-rikors tieghu tas-6 ta' Dicembru 2010.

Spejjez a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------